# L-innu solenni fix-xogħlijiet ta’ Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)

Mija u ħamsin sena minn twelidu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Twieled il-Furjana fl-10 ta’ Ottubru 1867, bin Ġużeppi Miruzzi u Mikelina, imwielda Brincat. Ta’ sitt snin tilef lill-ġenituri tiegħu u ddaħħal f’dejr it-tfal iltiema tal-Belt Valletta. Ta’ sbatax-il sena mar jistudja l-mużika f’konservatorju ġewwa l-Italja. Wara li spiċċa mill-istudji tiegħu xtaq jimxi fuq il-passi ta’ zijuh Paolo u jimbarka fuq bastiment navali bħala mużikant bil-għan li eventwalment jilħaq *bandmaster*. Dan il-ħsieb tiegħu iżda ma rnexxiex. Minflok, tela’ Tuneż flimkien ma’ martu Konċetta u hemmhekk waqqaf banda Maltija. Wara sitt snin reġa’ niżel lura lejn art twelidu u ddeċieda li jibni karriera mużikali fi ħdan il-baned Maltin u Għawdxin. Dan hu Mro. Antonio Miruzzi, għalliem, direttur u kompożitur ta’ għexieren kbar ta’ kompożizzjonijiet. U fost dawn ix-xogħlijiet, l-aktar li jispikkaw huma, bla dubju ta’ xejn, l-innijiet solenni li dwarhom sejrin nitkellmu f’dan l-artiklu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Innu Solenni, Innu *di Gloria*, Innu Tifħir, Innu Kbir, Innu Solenni ‘*Alla Beata Maria Vergine*’ (Miruzzi), Innu Solenni lil San Gejtanu (Miruzzi), Innu Solenni lil Ġesù Salvatur (Miruzzi), Innu Solenni ‘Sant’ Andrea’ (Miruzzi), University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun).



Mro. Antonio Miruzzi fil-bidu tal-karriera tiegħu

L-innijiet solenni għandhom ħafna mill-antifoni, bid-differenza li, dawn tal-aħħar kienu jinkitbu għall-festi ta’ ġewwa. L-ewwel li ma ġew kienu l-antifoni[1], li bdew jinkitbu għal nofs is-seklu dsatax, fosthom dawk mill-pinna ta’ Dr. Mro. Paolo Nani. L-innijiet solenni bdew ifaqqsu aktar tard lejn l-aħħar deċennju tal-istess seklu. Dawn kienu jkunu komposti mill-biċċa l-kbira tas-surmastrijiet, Maltin u barranin (aktarx Taljani), li kienu jmexxu l-baned rispettivi tagħhom. Dan kien ikun l-aqwa rigal li surmast qatt seta’ jagħmel versu l-banda tiegħu. Is-surmastrjiet ta’ dak iż-żmien, aktar mil-lum, kienu jkunu bħal speċi obbligati li jfornu xogħlijiet minn tagħhom għall-banda li jkunu qedin imexxu. Dan kien jiġri aktar u aktar meta dak iż-żmien wieħed qajla seta’ jikseb mużika stampata b’arranġament għall-banda. Mill-banda l-oħra, il-*maestro di cappella*, li xogħlu kien ikun li jidderieġi l-mużika fil-knejjes waqt il-funzjonijiet reliġjużi, ukoll kien ikun marbut bl-istess obbligazzjonijiet.

[1] Kelma bil-Griek li tfisser silta qasira, aktarx meħuda mill-Bibbja, reċitata jew kantata, waqt funzjonijiet liturġiċi u l-Uffiċċju Divin. Dan il-versett ta’ talb jingħad qabel is-salm u jinbidel skont il-festa li tkun. Fl-antik, il-kant kien ikun fl-istil Gregorjan. (Dan it-tip ta’ kant bla akkumpanjament normalment jintuża fil-knisja skont ir-riforma ta’ Papa Gregorju l-Ewwel. Għadu jintuża fil-Knisja Kattolika sallum.) Maż-żmien imbagħad bdew jimmużikawha fi stili aktar kontemporanji. L-antifona tindaqq bil-vuċijiet u orkestra mdaqqsa waqt iċ-ċelebrezzjonijiet liturġiċi fil-ġranet tad-tridu, kif ukoll, f’lejlet u nhar il-festa, speċjalment waqt id-dħul tal-vara fil-knisja. Ħafna drabi, l-antifoni tiegħu forma ternarja.

Fuq skala iżgħar hemm ukoll, l-innu-marċ, li jimxi fuq il-mudell ta' innu solenni imma fil-forma ta' marċ. Dan aktarx li jindaqq fil-festi ta' barra. Għal dawk ta' ġewwa mbagħad, hemm l-innu popolari, l-iċken fost l-innijiet, li jieħu forma strofika.

Bħala ġeneru, *Inno di Gloria* jew *Innu Tifħir,* jonkella sempliċiment *Innu Kbir* huwa bħal Kantata f'repertorju klassiku u li jikkonsisti f'xogħol mużikali, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-Qaddis/a li għalih/a tkun qed tiġi ċċelebrata il-festa. Xogħol bħal mhu dan ikun immirat għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ *bel canto* peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Il-vuċijiet ikunu akkumpanjati minn kor magħmul, jew minn tfal (bniet u subien), jew adulti (irġiel u nisa), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu[2] u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. L-Innu *di Gloria* jindaqq għall-akkumpanjament ta' banda peress li dan isir fl-apert.

F'dik li hi nisġa mużikali mbagħad, l-Innu *di Gloria* jkun imħawwar tajjeb b'passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji[3], dwetti[4], saħansitra terzetti[5], min-naħa tal-vuċijiet solisti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi[6] fuq xi strument jew ieħor, u wkoll, minn fanfarri[7] li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol simili jkun jirrikjedi tip ta' melodija li, bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma b'tali mod li tista' toffri tiżwiq mhux tas-soltu f'dawk li huma akkordji[8], u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva artistika tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt[9] u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'dan it-tip ta' xogħol.


Mro. Antonio Miruzzi fl-eta' tan-nofs

Minn dawn l-innijiet solenni ta' Miruzzi nafu bi tlieta żgur li għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum. Hemm innijiet oħrajn minn tiegħu li għadna ma nafux jekk humiex qabelxejn żgħar jew kbar, jew jekk għadhomx jindaqqu, jonkella intilfux. Fost dawn insemmu l-Innu '*Maria Vergine del Mare'* għas-*Società Filarmonica* '*I Cavalieri di Malta*' ta' Tas-Sliema, fuq versi tas-Saċerdot Dun Pawl Vella D.D.[10] Dan l-innu kien iżżanżan f'lejlet il-festa ta' Stella Maris fit-23 ta' Awwissu 1902.[11] Hemm ukoll l-Innu 'A Maria Vergine con voci puerili' li kien indaqq mill-Banda 'Konti Ruġġieru' fil-festa tan-Naxxar fl-1927. Wieħed ma jistax jgħid jekk, dan huwiex l-istess wieħed li jġib l-isem bil-Malti ta' 'Innu lill-Verġni Mbierka' li kien jindaqq f'lejlet u nhar il-festa ta' Santa Marija ġo Ħ'Attard mill-banda msemmija bejn l-1926 u l-1936. F'dan tal-aħħar kienu jkantaw kor tat-tfal bniet u tenur. Il-versi tiegħu huma tal-Kav. G. Muscat Azzopardi.[12] Skont Mifsud Matrenza[13] wkoll, Miruzzi kien kiteb l-Innu Solenni 'Sant' Andrea' għall-banda Luqija li ġġib l-istess isem, liema xogħol nemmen li għad isib id-dawl u jibda jindaqq ukoll.

It-tlitt innijiet solenni li ser nitkellmu fuqhom poġġejthom f'ordni kronoloġika skont id-data li fiha naħseb li ġew komposti minn Miruzzi.

---

[2] Daqq jew kant minn strumenti jew vuċijiet differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.
[3] Silta minn opra, oratorju jew xogħol vokali ieħor li titkanta minn kantant solista.
[4] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet jew strumenti.
[5] Silta mużikali għal tliet vuċijiet jew strumenti.
[6] Jikkonsisti f'passaġġ vokali jew strumentali li juri l-ħila teknika ta' kantant/a jew strumentalist.
[7] Biċċa mużika qasira tindaqq bil-qawwi li normalment jdoqquha t-trumbetti f'xi parata militari.
[8] Għadd ta' noti li flimkien jagħmlu armonija.
[9] Għaqda ta' żewġ melodiji jew aktar b'figuri ta' noti differenti li meta tqiegħdhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.
[10] Kien mill-Belt Valletta. Kien bit-tħabrik tiegħu li nbniet il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema.
[11] Il-gazzetta *Risorgimento* tal-25 tal-1902 kienet ġabet li dil-Banda żanżnet innu ġdid lill-Madonna mill-pinna ta' Mro. Miruzzi: '*... il nuovo inno alla Vergina composta del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro. A. Miruzzi ...*' (14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin ta' Grazio Anton Grech, pġ. 24.)
[12] Minn artiklu ta' Carmel Mallia li jġib l-isem ta' Storja tal-Innijiet.
[13] Joseph Mifsud Matrenza kien l-istorjogarifu ewlieni tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża li kellha bosta okkażjonijiet li titkellem mal-kompożitur dwar il-ħajja mużikali tiegħu.

**1. Innu Solenni ‘*Alla Beata Maria Vergine*’**:

Fost l-ewwel baned li Mro. Antonio Miruzzi ħa f’idejh insibu s-**Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard'** tal-**Mosta** fl-1894. ‘Din il-banda għenitu ħafna biex jakkwista ċertu esperjenza kemm fit-tagħlim u kemm fid-direzzjoni. Is-suċċessi li kiseb magħha servew biex ismu jixtered fil-kamp mużikali ta’ dak iż-żmien.’[14] Dam imexxieha sal-1909[15]. Fost ix-xogħlijiet li ħallielha nsibu l-‘Innu Nicolò Isouard’ (innu tal-banda), ‘Omaggio Nicolò Isouard’ (*marcia sinfonica*), ‘O Del Cielo Regina’ (1897) (*marcia religiosa*), sett ta’ marċi funebri, kif ukoll l-Innu Solenni ‘Alla Beata Maria Vergine’.

Dwar dal-innu għalissa ftit nista’ nitkellem peress li l-mużika tiegħu għadha ma’ ġietx f’idejja biex naraha u nanalizzaha. Madankollu, minn *email* li kien bagħtli Mro. Stephen Dimech, datata 30 ta’ Ġunju 2015, insiru nafu li, il-versi bit-Taljan tal-innu huma ta’ Dun Agostino Azzopardi[16] (1855-1922). Dun Wistin, saċerdot Mosti, jibqa’ magħruf għall-pinna li kellu u għall-karità kbira li kien jagħmel ma’ min kien ikun fil-bżonn. Hu kien jiġi ħu Giovanni (jew Ġanni) Azzopardi li, fl-1869 kien l-ewwel għalliem tal-mużika, surmast u wieħed mill-fundaturi tal-ewwel banda Mostija. Fl-*email* Mro. Dimech jgħidilna wkoll li, Dun Wistin kien ippubblika għadd ta’ poeżiji minn tiegħu fi ktejjeb li jġib l-isem ta’ *Armonie Poetiche* (1910). Is-Surmast hu tal-fehma li, ‘Miruzzi silet diversi strofi minn diversi poeżiji *li jinsabu f’dan il-ktejjeb* biex użahom meta ikkompona l-innu’. Meta mistoqsi dwar il-possibiltà ta’ data ta’ meta seta’ nkiteb l-innu, it-tweġiba kienet fin-negattiv, però żgur li qabel l-1910 meta mbagħad is-Soċjetà Filarmonica 'Nicoló Isouard' għaddiet f’idejn Mro. Ferdinand Camilleri. Mill-banda l-oħra, skont Joseph Mifsud Matrenza, l-istorjografu tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, l-Innu Solenni ‘*Alla Beata Maria Vergine*’ kien l-ewwel kapolavur tiegħu ta’ din ix-xorta.[17] Skontu wkoll, dan l-innu hu ‘mimli melodija u armonija.’[18]

**2. Innu Solenni lil San Gejtanu**:

Mro. Antonio Miruzzi nħatar surmast tas-**Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’** tal-**Ħamrun** fl-1899 u dam magħha sal-1928. ‘Din kienet era tad-deheb għall-banda għax taħt id-direzzjoni tiegħu kisbet suċċessi enormi kemm f’Malta u kemm fi Sqallija.’[19] Miruzzi kien jisħaq ħafna fuq it-tagħlim lill-istudenti għax fihom kien jara l-bandisti ta’ għada. Meta ġie biex jgħaddi l-bakketta lill-assistent tiegħu, Mro. Willie Attard, għaddielu wkoll banda ta’ sebgħin bandist. Ħallielha ħafna xogħlijiet minn tiegħu fosthom, ‘San Giuseppe’ (*marcia sinfonica*), marċi brijużi u funebri, selezzjonijiet, u l-Innu Solenni ‘San Gejtanu’ (1901).




Dan il-kapolavur inkiteb għal Tenur u Baxx u kor tat-tfal, bniet u subien. Il-gazzetta *Malta Tagħna* tat-13 ta’ Awwissu tal-1901 kienet irrapurtat li, l-Innu l-Kbir tant kien intlaqa’ b’applawsi kbar mill-folla preżenti li, biex jikkuntentaha, Miruzzi kellu jirreplikah. Wara t-tieni eżekuzzjoni, il-bandist Ġanni Sciberras kien irregala lil Miruzzi taljakarti u kartiera tal-fidda għan-nom tal-bandisti



Antonio (Ninu) Dalli
(1864-1948)

[14] Joseph Mifsud Matrenza: Maestro Antonio Miruzzi. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’ Ħamrun 1994, pġ. 235.
[15] Skont Joseph Vella Bondin, is-surmast Miruzzi dam sal-1910 ma’ din il-banda, u ‘l-preċiżjoni li kisbet taħtu xerrdet ismu ma’ Malta kollha.’ (Il-Mużika ta’ Malta fis-sekli XIX u XX, pġ. 202-3.)
[16] Magħruf fost il-Mostin bħala l-‘Poeta tal-Innijiet ta’ Santa Marija.’ Huwa twieled il-Mosta fl-1855 u ġie ordnat saċerdot fis-17 ta’ Diċembru 1881. Miet ta’ 77 sena wara snin twal ta’ ħidma pastorali.
[17] Mifsud Matrenza Joseph: ‘Maestro Antonio Miruzzi’. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’ 1994, pġ. 235–247.
[18] Idem.
[19] Charles L. Azzopardi: ‘L-istorja tal-każini tal-baned f’Mata u Għawdex’ (vol. 2), pġ. 132.

kollha. Sa qabel il-Gwerra, l-Innu kien għadu jitkanta bit-Taljan fuq versi tal-Kunsillier Antonio (Ninu) Dalli (6.xii.1864 - 22.ii.1948). Fl-1945 imbagħad, Dun Frans Camilleri (29.i.1919-6.xii.1990) qelbu għall-ilsien Malti, u xi snin wara beda jitkanta minn kor adult taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia (5.xii.1921 - 2.vii.2001).

Hawn taħt qed inġib ukoll xi dati importanti fl-annali tal-istorja tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża li fihom Miruzzi dderieġa l-innu tiegħu. Żgur li, l-aħħar darba li dderieġa l-Innu Solenni 'San Gejtanu' kien fil-festa titulari tal-1928. Rigward it-tabella t'hawn taħt, tajt ukoll xi tagħrif addizzjonali fejn ħassejt il-bżonn:

| Data | Ġurnata | Surmast | Tenur | Baxx | Kor |
|---|---|---|---|---|---|
| *1900*[20] | | | | | |
| 1901 | ?? ta' Awwissu | Mro. A. Miruzzi | | | Kor tat-tfal |
| 1914[21] | | Mro. A. Miruzzi[22] | | | |
| 1917 | 10 ta' Awwissu[23] | Mro. A. Miruzzi[24] | Galea[25] | Duca[26] | Kor tat-tfal |
| 1928 | | Mro. A. Miruzzi | | | |

Forma u analiżi: L-innu fih tliet movimenti (forma ternarja) u jinqasam f'seba' taqsimiet kif ġej:

| Moviment | Taqsima | Deskrizzjoni | Temp | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| I | 1 | Introduzzjoni | *Allegro Moderato Maestoso* | Fanfarra<br>Tema prinċipali |
| | 2 | Arja (Baxx) | *Andante* | Reċitattiv + Kodetta |
| | 3 | Għanja tat-tfal (x 2) | | Tema + Koda |
| II | 4 | Arja (Tenur) | | (i) Terzett[27]<br>(ii) Reċitattiv |

[20] Fatt kurjuż li jista' jagħti lok għal aktar riċerka jirrigwardja d-data eżatta ta' meta dan seta' nkiteb. Fuq id-disa', u l-aħħar paġna ta' parti qadima tal-*Quartino Mib* li tinsab arkivjata fis-sede tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, xiħadd, li jista' jkun il-kompożitur stess, kopista, bandist, jew persuna kwalunkwe oħra li kellha aċċess għall-mużika, għoġbu jniżżel id-data ffirmata (diffiċli tiddeċifra ta' min setgħet kienet il-firma) ta' **Agosto 1900**. Fl-ewwel paġna tagħha wkoll, eżatt taħt it-titlu *Inno a San Gaetano*, u ħdejn il-firma tas-surmast *A*(ntonio) *Miruzzi*, insibu t-timbru tas-*Società Musicale S. Giuseppe Ħamrun* li jġib id-data tas-7 ta' Ottubru 1923. Bla ma ndaħħal l-iċken dubju li, l-ewwel esekuzzjoni uffiċjali tal-Innu Solenni lil 'San Gejtanu' kienet dik li saret lejlet il-festa titulari tal-1901, wieħed irid jikkunsidra l-fatt ukoll li, Miruzzi kien laħaq surmast-direttur ta' din is-Soċjetà fl-1899. Dan ifisser li, bħala kompożitur prolifiku, Miruzzi seta' faċilment kiteb ukoll Innu Kbir ġdid iddedikat lil San Ġejtanu għall-festa titulari tal-1900. (Qabel din id-data ma nafux li kien jeżisti xi ieħor bħalu miktub mis-surmast ta' qablu, Mro. Carmelo Doneo.) Id-data l-oħra li jagħti s-Sur Joseph Mifsud Matrenza fl-artiklu tiegħu, *Is-Soċjetà Filarmonika 'San Ġużepp' Ħamrun – Ħamsa u Sebgħin Sena Ħajja*, li kien deher fil-ktejjeb tal-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti (1889-1964), hija għall-kollox żbaljata meta jgħid li, l-Innu Solenni nkiteb fl-1904. Prova ta' dan tinsab fl-aħħar paġna tal-partitura oriġinali tal-Innu, fejn wieħed isib il-firma ta' Miruzzi u data ta' meta nkiteb.

[21] Ġublew tal-Fidda tas-Soċjetà – 1889-1914. Skont Mifsud Matrenza, minkejja li, il-Gwerra kienet faqqgħet fid-29 ta' Lulju, is-Soċjetà xorta waħda ddeċidiet li tiċċelebra il-25 sena tagħha. Lejlet il-festa titulari, il-Banda kienet tellgħet kunċert bandistiku kolossali ħdejn il-Knisja parrokkjali.

[22] Mit-tagħrif mogħti hawn fuq stess minn Mifsud Matrenza, neħodha li kien Miruzzi stess li dderieġa dan il-kunċert u li fih, nimmaġina li ma setax jonqos li ma jgħaddix l-Innu l-Kbir.

[23] Sors meħud mill-programm tal-festa San Gejtanu 2009 (120 sena) maħruġ mis-Soċjetá Mużikali San Ġużepp Ħamrun: Żewġ Rapporti Ġurnalistiċi fuq il-Ħamrun ta' Dr. George Cassar, pġ. 309-311. Tagħrif ħadu mill-ġurnal *Malta Tagħna* tal-11 ta' Awwissu 1917 fejn jgħid li, il-festa kienet saret fit-18 ta' Awwissu. Il-ġurnal ikompli jirrapporta li, il-Banda 'San Ġużepp' daqqet "l-innu sabiħ kollu tifħir lil kbir qaddis, mużika tal-imfaħħar Surmast Ninu Miruzzi" fuq versi tas-Sur Nin Dalli. L-awtur iżid jgħid li, fl-Innu Solenni kellu jieħu sehem il-kor tat-tfal u ż-żewġ kantanti "bravi artisti Maltin" Galea u Duca.

[24] Neħodha li kien Miruzzi stess li dderieġa l-Innu Solenni.

[25] Aktarx qed jirreferi għal Alfred Galea, wieħed mill-aqwa kantanti li kellna fl-ewwel żewġ deċennji tas-seklu 20. Alfred kien jiġi wkoll missier it-Tenur Arthur Galea (1902-1998).

[26] Aktarx li qed jirreferi għal Giuseppe (Ġużé) Duca (1871-1948), pittur u Baritonu magħruf.

[27] F'dan il-famuż terzett idoqqu solo, l-obwe, il-kwartin u l-klarinett. Huma jibqgħu għaddejjin anki meta jidħol ikanta t-Tenur. Dan il-passaġġ kuntrapuntali hu magħdud bħala wieħed mill-aktar inġenjużi u oriġinali li qatt ħarġu mill-pinna ta' Miruzzi.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (iii) Arja |
| | 5 | Intermezz | *Andante* | Kadenza fl-aħħar (kwartin) |
| | 6 | Dwett (Tenur u Baxx)[28] | *Andante*<br>*Allegro Moderato*<br>*Meno* | |
| III | 7 | Final | *Più Mosso* | Rikapitulazzjoni + Koda |

Hawn taħt qed inġib biss, silta mill-għanja tat-tfal - għanja tassew ferriħija u mexxejja, u li għandha ritmu xi ftit jew wisq marzjali. Fit-tieni parti ta' din it-taqsima jidħlu wkoll, sett qniepen u t-trepied biex jagħtu dik il-laqta ta' ħoss anġeliku kif tassew jixraq lill-kor tat-tfal:




U din hija silta mit-tema prinċipali li, fil-final tifforma l-passaġġ ta' qabel il-koda. Fiha jieħu sehem kulħadd - Tenur, Baxx, kor tat-tfal, u l-banda sħiħa, bil-qniepen u l-gong b'kollox:




(3) **Innu Solenni lil Ġesù Salvatur**:

Meta Mro. Antonio Miruzzi laħaq surmast fl-1906 kellu l-inkarigu li jittrasforma s-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* f'banda. Bil-għajnuna wkoll tal-ewwel surmast, F.S. Pizzuto, il-**Banda 'Papa Piju X'** ta' **Ħal Lija** għamlet programm tal-inawgurazzjoni f'qasir żmien. Taħt id-direzzjoni impekkabbli tiegħu l-banda fjorixxiet u tat ħafna servizzi. Minħabba l-ħerba li ħalliet warajha l-Gwerra, tneħħi l-Innu Solenni lil 'Ġesù Salvatur' u l-Innu marċ 'San Piju X', ħafna minn xogħlijietu nqerdu. Wara għoxrin sena servizz, Miruzzi, għajjien bit-tagħbija tax-xogħol u tas-snin iddimetta fl-1926.

Id-data eżatta ta' meta seta' nkiteb dan il-kapolavur ma nafuhiex. Jerġa', il-mużika li l-banda Lijana għandha tiegħu hi biss kopja ta' partitura li mhix dik oriġinali għax il-versi huma bil-Malti. Infatti, kien Monsinjur Ġużepp Xerri (traduttur ta' bosta xogħlijiet ta' xeħta sagra) li aktarx qelibhom mit-Taljan għall-Malti. L-innu nkiteb għal Tenur u Baxx, u kor tat-tfal għal akkumpanjament bandistiku.

[28] Dan ma kienx jeżisti fil-verżjoni 1901 u ddaħħal aktar tard mill-kompożitur stess. Fl-oriġinali, wara l-kadenza fuq il-kwartin, il-mużika kienet tmur dritt għar-rikapitulazzjoni. L-ikkulurit f'din it-taqsima huwa xiħaġa tal-għaġeb, u huwa xhieda tal-ħiliet kbar li kellu Miruzzi meta jiġi biex jikteb għall-banda.

Forma u analiżi: L-Innu Solenni m'għandu l-ebda forma partikolari. Minflok, għandu għadd ta' taqsimiet li wieħed faċilment jidentifikahom peress li fiha is-sinjali ta' waqt il-provi li jikkorrespondu mal-ewwel sbatax-il ittra tal-alfabet Ingliż. Dawn huma mqiegħdin hemm bi ħsieb, għax kif ser naraw, ser iservu ta' riferiment għall-varji fażijiet fil-formazzjoni tal-innu li għandna f'idejna:

| Ittra | Buttuti | | Ittra | Buttuti | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | 001 - 028 | *Maestoso* (Introduzzjoni) | H | 170 - 181 | *Andante* (Tenur + Baxx) |
| A | 029 - 047 | Strumentali | I | 182 - 213 | *Allegretto* (Kor) |
| B | 048 - 064 | Baxx (Reċitattiv) + Kor | J | 214 - 233 | Passaġġ episodiku |
| | $064^4$ - $072^3$ | Baxx + Fanfarra | K | 234 - 261 | *Andante* (Baxx) |
| C | $072^4$ - $080^3$ | Kurunetta (Solo) | L | 262 - 281 | Ikompli ma' ittra 'K' |
| | $080^4$ - 088 | *Tutti* | M | 282 - 285 | Ħolqa |
| D | 089 - 108 | Baxx + Kor | | 286 - 323 | *Allegretto* (Kor) |
| | 109 - 125 | *Moderato* | N | 324 - 351 | *Andante* (Tenur) |
| E | 126 - 141 | Dwett | O | 352 - 367 | Tkompli ma' ittra 'N' |
| F | 142 - 144 | *Morendo* (Ħolqa) | P | 368 - 381 | Tkompli ma' ittra 'O' |
| | 145 – 153 | *Andante Mosso* (Kor + T.B.) | Q | 382 - 437 | *Allegretto* (Kor) |
| | 154 - 159 | Kodetta | | 437 - 438 | *Largo* |
| G | 160 - 169 | Strumentali | | 439 - 454 | *Maestoso* (Final) |

Din hi l-melodija tat-tema ewlenija li nsibu fl-ittra I (b. 182- 213) li titkanta minn kor tat-tfal, bniet u subien:



U dawn huma biss l-ewwel erba' battuti (b. 126 – 9) meħudin mid-dwett fejn il-vuċi tat-tenur issib l-eku tagħha fil-vuċi tal-baxx, b'tali mod li, jiġu jinstemgħu qishom qedin jiġru wara xulxin. Dan huwa l-uniku dwett li nsibu fix-xogħol kollu:




Għeluq: L-aktar li dam iħabbat Miruzzi kien ma' dawn it-tliet baned u l-'Beland' taż-Żejtun. Iżda, minbarra dawn kellu ħafna oħrajn: 'La Valette' (Valletta), 'I Cavalieri di Malta' (Sliema), 'La Vincitrice' (Isla), 'Sant' Andrea' (Ħal-Luqa), 'Sta. Marija' (Mosta), u 'San Ġorġ' (Bormla). Huwa kellu wkoll, il-banda tal-Orfni tal-Belt, kif ukoll l-Orkestra Mandolinistika 'La Valette' fi ħdan il-banda li ġġib l-istess isem. Għal xi żmien ukoll, kien jidderieġi l-*(Filarmonica) Melitensis La Valette* ta' Tuneż, imwaqqfu minnu stess fuq talba tal-Maltin li kienu jgħixu hemmhekk. Din l-banda ġieli daqqet f'Malta wkoll. Ma setax jonqos għalhekk li,



Ix-xwejjah Mro. Miruzzi

kull fejn kien ma ħalliex l-impronta tat-talenti mużikali tiegħu. Wara karriera ta’ ‘l fuq minn erbgħin sena, Miruzzi rtira mid-dinja bandistika u ddedika ruħu aktar għall-kompożizzjoni. Infatti, insibuh jaħdem fuq opra ftit qabel ma ħalla wkoll din id-dinja. Miet fil-Ħamrun fejn sarlu funeral kbir li fih attendew rappreżentanti minn diversi għaqdiet mużikali biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-bniedem li ta’ ħajtu għall-mużika.

Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mostin: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Santa Marija li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Mosta; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta’ Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta’ għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.



Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)